1825.	Dimitry Aleksandrovich BELOGLAZOV (Дмитрий Александрович БЕЛОГЛАЗОВ)	Funzjoni: Negozjant, sid ta' LLC Titul Data tat-twelid: 18.2.1968 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 772602291749	Dimitry Beloglazov huwa s-sid LLC Titul (ibbażata fir-Russja) li stabbiliet sussidjarja, Kumpannija b'Ishma Konġunti (JSC) Iliadis (ibbażata fir-Russja), biex takkwista s-sehem ta' Oleg Deripaska fl-International LLC Rasperia Trading Limited ('Rasperia', ibbażata fir-Russja). Rasperia għandha 28,5 miljun sehem fil-kumpanija Ewropea STRABAG SE. Dawk l-ishma ġew iffriżati minħabba li Rasperia kienet ikkontrollata minn Oleg Vladimirovich Deripaska, individwu soġġett għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Oleg Deripaska kkoordina skema kumplessa ta' evażjoni ma' Dimitry Beloglazov biex ibigħ l-ishma ffriżati ta' STRABAG. Għal dak l-għan, il-kumpanija ta' Beloglazov LLC Titul stabbiliet sussidjarja, JSC Iliadis, li akkwistat is-sehem ta' Deripaska f'Rasperia, u b'hekk ukoll l-ishma ta' STRABAG iffriżati. Deripaska rċieva benefiċċju ekonomiku ekwivalenti għall-bejgħ ta' Rasperia. Dimitry Beloglazov u l-kumpaniji involuti LLC Titul, JSC Iliadis u Rasperia użaw din l-iskema biex ibigħu, barra mill-Unjoni, kumpanija mhux tal-Unjoni kkontrollata minn persuna elenkata u li għandha ishma ffriżati ta' kumpanija tal-Unjoni bl-uniku skop li jneħħu l-iffriżar ta' dawk l-ishma fl-Unjoni, u b'hekk jevitaw il-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Għalhekk, Dimitry Beloglazov qed jiffaċilita l-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.	28.6.2024
1871.	Larisa Aleksandrovna DOLINA bir-Russu: Лариса Александровна ДОЛИНА magħrufa wkoll bħala Larisa KUDELMAN magħrufa wkoll bħala Larisa MIONCHINSKAYA magħrufa wkoll bħala Лариса КУДЕЛЬМАН magħrufa wkoll bħala Лариса МИОНЧИНСКАЯ	Funzjoni: Kantanta u attriċi Data tat-twelid: 10.9.1955 Post tat-twelid: Baku, USSR (illum Azerbaijan) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Larisa Dolina hija kantanta u attriċi Russa. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, Dolina spiss appoġġat l-azzjonijiet tar-Russja li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għal dak l-għan, Dolina ħadmet mal-Ministeru għad-Difiża Russu u mexxiet kampanji ta' intratteniment f'isem il-Gvern Russu biex tippremja lill-persunal militari Russu għall-parteċipazzjoni tiegħu fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, hija tat kunċerti pubbliċi fir-reġjun ta' Donbas okkupat mir-Russja f'koordinazzjoni mal-Gvern Russu. Għalhekk hija tappoġġa l-azzjonijiet Russi li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u tappoġġa lill-Gvern Russu fir-rigward tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.	16.12.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1874.	Nikolay Vitalyevich TKACHENKO bir-Russu: Николай Витальевич ТКАЧЕНКО	Funzjoni: Negozjant Data tat-twelid: 21.8.1978 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773608049810	Nikolay Tkachenko huwa l-maniġer ġenerali ta' Gazstroyprom JSC. Gazstroyprom JSC hija kumpanija ewlenija fis-settur tal-enerġija Russu, li twettaq proġetti differenti għall-estrazzjoni, l-ipproċessar u t-trasport tal-gass naturali. Il-kumpanija timpjega 95 000 ruħ u hija attiva fid-distretti federali kollha tal-Federazzjoni Russa. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdu dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Nikolay Tkachenko huwa assoċjat ma' kumpanija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2024
1880.	Evgenii Anatolevich DRONOV bir-Russu: Евгений Анатольевич ДРОНОВ	Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali ta' JSC Tula Machine Building Plant Data tat-twelid: 20.10.1947 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 710600768047 Entità assoċjata: JSC Tula Machine Building Plant (magħrufa wkoll bħala Tulamashzavod)	Evgenii Dronov kellu l-kariga ta' Direttur Ġenerali ta' JSC Tula Machine Building Plant (magħrufa wkoll bħala Tulamashzavod). JSC Tula Machine Building Plant hija manifattur tad-difiża Russu bi speċjalizzazzjoni fil-produzzjoni ta' tagħmir militari avvanzat, b'mod partikolari fil-qasam tal-armi u s-sistemi tal-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru. Il-kumpanija hija responsabbli għall-iżvilupp u l-manifattura ta' diversi sistemi ta' difiża ewlenin, inkluż is-sistema tal-missili u l-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru KASHTAN, is-sistema tal-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru PALMA, u firxa ta' kanuni awtomatiċi u pistoli awtomatiċi ta' 30 mm bħall-Gryazev-Shipunov GSh-6-30 u l-2A72. Dawk is-sistemi huma integrati f'diversi pjattaformi militari, inkluż vetturi tal-ġlied tal-infanterija bħall-BMP-3 u l-BTR-80A, u huma mmuntati wkoll fuq assi strateġiċi bħall-aircraft carrier tal-klassi Kuznetsov. Il-prodotti tal-kumpanija ntużaw b'mod attiv f'diversi operazzjonijiet militari, inkluż il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, fejn ġie rrappurtat li nqerdu diversi sistemi bħall-vetturi tal-ġlied tal-infanterija BMP-3 u s-sistemi ta' missili mill-wiċċ għall-ajru Pantsir-S1. Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur Ġenerali ta' JSC Tula Machine Building Plant, Evgenii Dronov ingħata t-titolu ta' Eroj tal-Ħaddiema tal-Federazzjoni Russa u l-Ordni 'Għal Mertu lejn il-Patrija'. Għalhekk, Evgenii Dronov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.2.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1900.	LEE Chang Ho bil-Korean: 리창호 bir-Russu: ЛИ Чхан Хо magħruf ukoll bħala RI, Chang Ho magħruf ukoll bħala RHEE, Chang Ho	Funzjoni: Kurunell Ġeneral (minn Ottubru 2024) tal-Armata tal-Poplu Korean, Kap tan-North Korean Reconnaissance General Bureau, membru tad-WPK Central Military Commission, il-Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean (KPA) Data tat-twelid: 1967 Nazzjonalità: Nord Koreana Sess: raġel	Lee Chang Ho kkoordina suldati tal-Korea ta' Fuq skjerati fil-kamp tal-battalja fl-Ukrajna, li setgħu ngħataw kompiti relatati mal-gwerra tal-gwerrilla irregolari. Għalhekk, huwa kien involut fil-parteċipazzjoni tas-suldati tal-Korea ta' Fuq fil-gwerra kontra l-Ukrajna. Huwa mexxa unitajiet ta' ċiberattakki bħal Lazarus u Kim Suki. Għalhekk, Lee Chang Ho huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jdgħajfu l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.2.2025";

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"54.	PSB Bank (qabel, PROMSVYAZBANK) (ПАО 'Банк ПСБ', ПАО 'Промсвязьбанк')	Imwaqqaf fl-1995 Indirizz: Respublikanskaya st. 16, Yaroslavl, Russian Federation Sit web: psbank.ru Individwi assoċjati: Petr Fradkov, Uffiċjal Kap Eżekuttiv Telefown: 8 (800) 333 0303, +7 495 787 33 33 OGRN: 1027739019142 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7744000912	PSB Bank (l-eks PROMSVYAZBANK) huwa bank tal-Istat Russu li jappoġġa finanzjarjament lis-settur tad-difiża Russu u lill-militar Russu, li huwa responsabbli għall-iskjerament massiv ta' truppi Russi tul il-fruntiera mal-Ukrajna u għall-preżenza ta' truppi Russi fil-peniżola tal-Krimea. PSB Bank jirċievi struzzjonijiet direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, u għalhekk jappoġġa finanzjarjament u materjalment lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna u għall-annessjoni illegali tal-Krimea. PSB Bank jopera fil-peniżola tal-Krimea u f'territorji Ukreni oħra okkupati mir-Russja. Fl-2023 PSB Bank iffinalizza x-xiri ta' żewġ banek, proprjetà tad-DPR u tal-LPR. Għalhekk qed iwettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
75.	JSC Sozvezdie Concern (АО Концерн 'Созвездие')	Indirizz: Plekhanovskaya Str., 14, Voronezh 394018, Russian Federation Telefown: +7 473 252 52 52 Sit web: https://www.sozvezdie.su Posta elettronika: office@sozvezdie.su Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 3666127502 Numru tar-reġistrazzjoni statali: 1053600445337	JSC Sozvezdie Concern huwa żviluppatur u manifattur ta' sistemi u tagħmir tal-gwerra elettronika, komunikazzjonijiet bir-radju u ta' kontromiżuri elettroniċi. L-unitajiet multifunzjonali tas-sistema tal-armi tal-gwerra elettronika Borisoglebsk-2 żviluppati u manifatturati minn JSC Sozvezdie Concern intużaw mill-forzi armati Russi matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna mir-Russja fl-2022. Qabel dan, is-sistema Borisoglebsk-2 intużat fit-territorju tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' separatista fil-Lvant tal-Ukrajna. Għaldaqstant, JSC Sozvezdie Concern huwa responsabbli talli appoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
78.	JSC Baltic Shipbuilding Plant 'Yantar' magħrufa wkoll bħala Yantar Shipyard (Прибалтийский судостроительный завод 'Янтарь')	Indirizz: 1 Guskova square, 236005, Kaliningrad, Russian Federation Telefown: +7 (4012) 61 30 83 Sit web: https://shipyard-yantar.ru/en Posta elettronika: office@shipyard-yantar.ru Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 3900000111 Numru tar-reġistrazzjoni statali: 1023901861213	JSC Baltic Shipbuilding Plant 'Yantar' (magħrufa bħala Yantar Shipyard) hija parti mill-United Shipbuilding Corporation, konglomerat tal-istat Russu ta' bini tal-bastimenti, li huwa l-fornitur ewlieni tal-bastimenti tal-gwerra militari lill-Forza Navali Russa. Bniet il-proġett 11711 'Pyotr Morgunov' bastiment kbir ta' ħatt l-art, li ntuża mir-Russja matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna fl-2022. Għalhekk din responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
79.	Otkritie FC Bank (qabel magħruf bħala NOMOS Bank)	Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti pubblika Indirizz: D. 2, str. 4, ul. Letnikovskaya, 115114, Moscow, Russian Federation Sit web: https://www.open.ru/ Telefown: +7 (495) 224-44-00 Data tar-reġistrazzjoni: 15.12.1999 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739019208 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7706092528 SWIFT/BIC: JSNMRUMM Entitajiet assoċjati: VTB Group	Otkritie FC Bank, qabel magħruf bħala NOMOS Bank, huwa wieħed mill-akbar 10 banek tar-Russja u istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Huwa membru tal-VTB Group. Mill-1 ta' Jannar 2025 Otkritie FC Bank ġie organizzat mill-ġdid u ngħaqad mal-BM-Bank permezz tal-adeżjoni. Il-Bank Ċentrali tar-Russja huwa l-investitur ewlieni ta' Otkritie Bank, fejn għandu 99-100 % tal-ishma. Bħala waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat ewlenin tar-Russja, Otkritie Bank jiġġenera dħul kbir għall-Bank Ċentrali tar-Russja u għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk Otkritie Bank huwa entità jew korp li jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnu, kif ukoll jappoġġa lil persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
126.	CREDIT BANK OF MOSCOW (bir-Russu: Московский кредитный банк)	Indirizz: 2 Lukov pereulok, building 1, Moscow 107045, Russian Federation Sit web: https://mkb.ru/ Telefown: +7 (495) 777-48-88 Posta elettronika: info@mkb.ru Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubblika Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739555282 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7734202860 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Credit Bank of Moscow huwa l-akbar bank pubbliku mhux tal-Istat fir-Russja u s-sitt l-akbar istituzzjoni finanzjarja tar-Russja. Huwa istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-bank jopera fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li huwa ta' importanza strateġika għall-ekonomija Russa u jiġġenera sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Credit Bank of Moscow jirċievi appoġġ mill-Istat. F'Mejju 2022 kiseb liċenzja ta' esportazzjoni tad-deheb mingħand il-gvern. Għalhekk dan jibbenefika direttament mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Għalhekk Credit Bank of Moscow huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk Credit Bank of Moscow qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1894/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
127.	JSC 'DALNEVOSTOCHNY BANK' (JSC 'Far Eastern Bank') (bir-Russu: АО 'ДАЛЬНЕВОСТОЧНЫЙ БАНК')	Indirizz: 27, Verkhneportovaya Street, Vladivostok 690990, Russian Federation Sit web: http://www.dvbank.ru/ Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 20.11.1990 Numru tar-reġistrazzjoni: 1022500000786 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2540016961 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Id-Dalnevostochny Bank huwa wieħed mill-akbar banek fil-Lvant Imbieħed tar-Russja u huwa istituzzjoni finanzjarja importanti għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-bank jopera fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li huwa ta' importanza strateġika għall-ekonomija Russa u jiġġenera sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Id-Dalnevostochny Bank huwa wkoll wieħed mill-banek li huwa awtorizzat biex jipprovdi appoġġ bankarju għal kuntratti fil-qasam tad-difiża tal-Istat Russu u huwa involut f'ħafna programmi tal-Istat. Għalhekk huwa strateġikament importanti għall-Gvern Russu fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, id-Dalnevostochny Bank huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, id-Dalnevostochny Bank jappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022
134.	JSC CENTRAL RESEARCH INSTITUTE 'BUREVESTNIK' (bir-Russu: АО ЦЕНТРАЛЬНЫЙ НАУЧНО-ИССЛЕДОВАТЕЛЬСКИЙ ИНСТИТУТ 'БУРЕВЕСТНИК')	Indirizz: Sormovskoe highway 1a, city of Nizhny Novgorod, Nizhny Novgorod region, Russian Federation (HQ) Sit web: https://www.burevestnik.com/products_engl/history.html Telefown: +7 (831) 241-12-42 Posta elettronika: mail@burevestnik.com Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Numru tar-reġistrazzjoni: 1085259003664 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5259075468	JSC CENTRAL RESEARCH INSTITUTE 'BUREVESTNIK' hija kumpanija Russa tal-industrija tal-armi. Matul l-eżistenza tagħha (mill-1970), il-kumpanija żviluppat madwar 400 tip differenti ta' armi u tagħmir militari. Magħrufa l-aktar għall-produzzjoni tal-armi li ġejjin: installazzjonijiet tal-artillerija għall-artillerija navali AK-176, A-190; kanuni tat-tip mortar mobbli (tipi 2B11, 2K32, 2C12, 2B25), howitzer 2C35 u oħrajn. JSC CENTRAL RESEARCH INSTITUTE 'BUREVESTNIK' tipprovdi kanuni tat-tip mortar ta' diversi tipi lill-Forzi Armati Russi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, JSC CENTRAL RESEARCH INSTITUTE 'BUREVESTNIK' hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
135.	LIMITED LIABILITY COMPANY 'VOLGOGRAD MACHINE-BUILDING COMPANY "VGTZ"' (bir-Russu: ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'ВОЛГОГРАДСКАЯ МАШИНОСТРОИТЕЛЬНАЯ КОМПАНИЯ "ВГТЗ"'	Indirizz: square Im. Dzerzhinskogo 1, 400006, Volgograd, Volgogradskaya oblast, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Volgograd region, Volgograd, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 28.11.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1023402461752 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 3441023695 Post prinċipali tan-negozju: Russia	L-LLC 'Volgograd Machine Building Company "VGTZ"' hija żviluppatur Russu u manifattur ta' vetturi tal-ġlied għall-ġarr ta' suldati minn fuq l-ilma għal fuq l-art. L-LLC 'Volgograd Machine Building Company "VGTZ"' tiżviluppa u timmanifattura vetturi tal-ġlied minn BMD-4M, BTR-MDM għal vetturi tal-ġlied tal-infanterija BMP-2 u BMP-3 modernizzati, li jintużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, l-LLC 'Volgograd Machine Building Company "VGTZ"' hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. L-LLC 'Volgograd Machine Building Company "VGTZ"' tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' vetturi tal-ġlied għall-Forzi Armati Russi u b'hekk tibbenefika direttament mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Minħabba l-ħtieġa dejjem tikber għall-armi, l-LLC 'Volgograd Machine Building Company "VGTZ"' qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
136.	JSC Bryansk Automobile Plant JSC 'BAZ' (bir-Russu: АО 'Брянский автомобильный завод' АО 'БАЗ')	Indirizz: 1 Staleliteynaya ul., Bryansk, 241035, Bryanskaya oblast, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Bryansk region, Bryansk, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 4.4.2008 Numru tar-reġistrazzjoni: 1083254005141 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 3255502838 Post prinċipali tan-negozju: Russia	Il-JSC Bryansk Automobile Plant hija l-uniku manifattur Russu li jipproduċi xażi u tratturi speċjali bir-roti (SKST) b'kapaċità li jgħaddu minn terren diffiċli, li huma l-bażi tal-bażi tat-trasport għal mezzi eżistenti u futuri ta' difiża tal-ajru, bir-rokits u spazjali, kif ukoll huma użati b'mod attiv bħala parti minn mezzi mobbli ta' rikonjizzjoni bir-radar, appoġġ għall-inġinerija, u sistemi ta' rokits multipli ta' llanċjar. Il-JSC Bryansk Automobile Plant tipproduċi xażi speċjali bir-roti u tratturi, li jintużaw biex jiskjeraw sistemi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru S-350, IS-400, Tor-M2 u sistemi oħra ta' difiża ajruspazjali. Dawk is-sistemi ta' difiża tal-ajru jintużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Il-JSC Bryansk Automobile Plant hija għalhekk responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Il-JSC Bryansk Automobile Plant tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' xażi u tratturi speċjali bir-roti għas-sistemi ta' difiża tal-ajru għall-Forzi Armati Russi u b'hekk tibbenefika direttament mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Minħabba l-ħtieġa dejjem tikber għall-armi, il-JSC Bryansk Automobile Plant qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022
137.	'JSC MACHINE BUILDING COMPANY "VITYAZ"' (bir-Russu: АО 'МАШИНОСТРОИТЕЛЬНАЯ КОМПАНИЯ "ВИИТЯЗЬ")'	Indirizz: 2 Industrialnoe sh., Ishimbai city, Republic of Bashkortostan, Russian Federation (HQ) Numru tar-reġistrazzjoni: 1050202782277 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 0261013879 Telefown: +7 347 942-47-87 Posta elettronika: vityaz@bolotohod.ru Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti	'JSC MACHINE BUILDING COMPANY "VITYAZ"' (jew JSC VITYAZ) hija kumpanija Russa involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tħaddim u t-tiswija ta' vetturi militari armati. Hija produttur tal-privattiva ta' DT-30 'Vityaz'. JSC VITYAZ tipprovdi u timmanifattura vettura militari DT-30 'Vityaz' b'żewġ links fuq iċ-ċineg għal kull xorta ta' terren għall-Forzi Armati Russi, li tintuża fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC VITYAZ hija responsabbili għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
138.	JSC KAZAN OPTICAL AND MECHANICAL PLANT (JSC KOMZ) (bir-Russu: АО КАЗАНСКИЙ ОПТИКО-МЕХАНИЧЕСКИЙ ЗАВОД (АО КОМЗ))	Indirizz: st. Lipatova, 37, Kazan, Republic of Tatarstan, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1021603617188 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1660004229 Telefown: +7(843) 235-80-35 Sit web: https://komzrt.ru/ Posta elettronika: Info@komzrt.ru Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti	JSC KOMZ hija intrapriża diversifikata Russa li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' apparat ottiku u tagħmir tal-gwerra elettronika (inkluż radars, lentijiet binokulari, eċċ.). JSC KOMZ tipproduċi s-sistemi tal-gwerra elettronika Moscow-1 (Москва-1), Rychag-AV (Рычаг-АВ) u Quicksilver-BM (Ртуть-БМ) li qed jitwasslu lill-Forzi Armati Russi u li qed jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC KOMZ hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. JSC KOMZ tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-forniment ta' sistemi tal-gwerra elettronika lill-Forzi Armati Russi u għalhekk tibbenefika direttament mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Minħabba l-ħtieġa dejjem tikber għall-armi, JSC KOMZ qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1894/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
139.	JSC ENIKS (bir-Russu: АО 'ЭНИКС')	Indirizz: st. Korolenko 120, Kazan, Republic of Tatarstan, Russian Federation Telefown: +7 (843) 212-07-08 Sit web: https://enics.aero/ Posta elettronika: uav@enics.ru Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 6.6.2003 Numru tar-reġistrazzjoni: 1031632202227 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1661009974 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC ENIKS hija kumpanija Russa involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tħaddim u t-tiswija ta' kumplessi ta' mmirar fl-ajru u vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs), sistemi ta' sorveljanza mill-bogħod u tagħmir ieħor tal-gwerra. JSC ENIKS tipprovdi UAVs (Eleron-3 u Eleron-10) immanifatturati lill-Forzi Armati Russi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC ENIKS hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
141.	JSC IZHEVSK ELECTROMECHANICAL PLANT 'KUPOL' (bir-Russu: ИЖЕВСКИЙ ЭЛЕКТРОМЕХАНИЧЕСКИЙ ЗАВОД 'КУПОЛ')	Indirizz: Pesochnaya str. 3, city of Izhevsk, Udmurt Republic, Russian Federation (HQ) Numru tar-reġistrazzjoni: 1021801143374 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1831083343 Telefown: +7 (3412) 72-22-09 Posta elettronika: iemz@kupol.ru Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 23.4.2002 Post prinċipali tan-negozju: Russia	JSC IZHEVSK ELECTROMECHANICAL PLANT 'KUPOL' (jew JSC IEMZ 'KUPOL') hija kumpanija Russa involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tħaddim u t-tiswija ta' sistemi ta' missili Tor, sistema ta' missili li jistgħu jintużaw fi kwalunkwe tip ta' temp, b'altitudni baxxa sa medja, mill-wiċċ għall-ajru ta' medda qasira ddisinjati biex jeqirdu l-ajruplani, il-ħelikopters, il-missili kruċiera, eċċ. JSC IZHEVSK ELECTROMECHANICAL PLANT 'KUPOL' tipprovdi sistemi ta' missili Tor manufatturati lill-Forzi Armati Russi, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC IZHEVSK ELECTROMECHANICAL PLANT 'KUPOL' hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
142.	JSC VOSTOCHNAIA VERF (bir-Russu: АО 'ВОСТОЧНАЯ ВЕРФЬ')	Indirizz: st. Heroes of the Pacific 1, Vladivostok, Primorsky Krai, Russian Federation (HQ) Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 6.8.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 1022501797064 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2537009643 Post prinċipali tan-negozju: Russia	Il-JSC VOSTOCHNAIA VERF hija kumpannija Russa tal-bini tal-bastimenti. Hija magħrufa wkoll bħala l-komanifattur ta' tipi speċifiċi ta' vapuri għall-qrid tal-mini, varjetà ta' biċċiet tal-baħar għall-ġarr ta' suldati minn fuq l-ilma għal fuq l-art (bħall-Proġett 11770). Sorsi pubbliċi jindikaw li xi biċċiet tal-baħar għall-ġarr ta' suldati mill-JSC VOSTOCHNAIA VERF kienu wżati matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-JSC VOSTOCHNAIA VERF tipprovdi biċċiet tal-baħar manufatturati għall-ġarr ta' suldati minn fuq l-ilma għal fuq l-art lill-Forzi Armati Russi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-JSC VOSTOCHNAIA VERF hija responsabbili għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
144.	JSC A.E. NUDELMAN DESIGN BUREAU OF PRECISION MACHINE BUILDING (KB TOCHMASH) (bir-Russu: АО КОНСТРУКТОРСКОЕ БЮРО ТОЧНОГО МАШИНОСТРОЕНИЯ ИМ. А. Э. НУДЕЛЬМАНА (КБ ТОЧМАШ))	Indirizz: str. Vvedensky, 8, Moscow, Russian Federation (HQ) Numru tar-reġistrazzjoni: 1117746904417 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7728789425 Sit web: http://www.kbtochmash.ru/ Telefown: +7 (495) 333-01-65 Posta elettronika: mail@kbtochmash.ru Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	KB TOCHMASH tagħmel parti mill-kumpanija tal-Istat Russa Almaz-Antey Concern u hija żviluppatur tal-armi Russu li timmanifattura firxa wiesgħa ta' sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru, MANPADS u missili, inkluż armi ta' preċiżjoni akbar. KB TOCHMASH tipproduċi s-sistemi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru Strela-10 u Sosna-R li ntużaw ħafna matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022. Għalhekk KB TOCHMASH hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. KB TOCHMASH tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' sistemi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru lill-Forzi Armati Russi u tibbenefika mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Għalhekk KB TOCHMASH qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
145.	JSC Automobile Plant URAL (bir-Russu: АО Автомобильный завод 'УРАЛ')	Indirizz: 1 Avtozavodtsev Prospect, Miass, Chelyabinsk Oblast, 456304, Russian Federation Sit web: https://uralaz.ru/ Telefown: +7 (3513) 55-49-83 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Chelyabinsk Oblast, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 22.6.2000 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027400870826 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7415029289 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC Automobile Plant 'URAL' hija manifattur Russu ta' trakkijiet u waħda mill-fornituri ewlenin ta' trakkijiet armati għall-forzi armati Russi. Automobile Plant URAL hija involuta fil-programm Russu għall-vetturi kbar Typhoon. Typhoon hija familja Russa ta' vetturi armati tal-ġlied (AFVs) reżistenti għall-mini u protetti mill-imboskati (MRAP) li ilhom jintużaw mill-2014. Il-familja ta' trakkijiet Typhoon huma rreġistrati fil-Programm tal-Armi tal-Istat Russu. Dawn il-vetturi jiġu mmuntati f'Automobile Plant URAL skont kuntratt tal-Istat mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja. Ural Automobile Plant tipproduċi vetturi Ural-4320 u Typhoon li qed jintużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna fl-2022. Għalhekk Automobile Plant URAL hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Automobile Plant URAL tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' trakkijiet armati lill-Forzi Armati Russi u tibbenefika mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Għalhekk Automobile Plant URAL qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022
146.	RESEARCH DESIGN BYURO 'NOVATOR' (bir-Russu: ОПЫТНОЕ-КОНСТРУКТОРСКОЕ БЮРО 'НОВАТОР')	Indirizz: Prospekt Kosmonavtov, 18, Yekaterinburg, Sverdlovsk Oblast, Russian Federation (HQ) Numru tar-reġistrazzjoni: 1026605611339 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6673092045 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post prinċipali tan-negozju: Russia	JSC RESEARCH DESIGN BYURO 'NOVATOR' hija kumpanija Russa involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tħaddim u t-tiswija ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru fuq distanzi twal, missili kruċiera, missili antiballistiċi u tagħmir ieħor tal-gwerra. JSC 'NOVATOR' tipprovdi mudell ta' missili kruċiera 3M-54 Kalibr (magħruf ukoll bħala 3M54-1 Kalibr u 3M14 Biryuza) lill-Forzi Armati Russi, li jintuża fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC RESEARCH DESIGN BYURO 'NOVATOR' hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
147.	JSC NAUCHNO-PROIZVODSTVENNOE OBEDINENIE RUSSKIE BAZOVYE INFORMACIONNYE TEHNOLOGII (JSC RPA RUSBITECH) (bir-Russu: АО 'НАУЧНО-ПРОИЗВОДСТВЕННОЕ ОБЪЕДИНЕНИЕ РУССКИЕ БАЗОВЫЕ ИНФОРМАЦИОННЫЕ ТЕХНОЛОГИИ' (АО 'НПО РУСБИТЕХ'))	Indirizz: Varshavskoe sh. 26 building 11, Moscow, Russian Federation (HQ) Sit web: https://rusbitech.ru/ Telefown: +7 (495) 648-06-40 Posta elettronika: mail@rusbitech.ru Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 22.9.2008 Numru tar-reġistrazzjoni: 5087746137023 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7726604816 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC RPA RUSBITECH hija kumpanija tat-teknoloġija Russa li tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' soluzzjonijiet ta' teknoloġija avvanzata għall-istrutturi ta' infurzar Russi, prinċipalment għall-Forzi Armati Russi. L-aktar prodott magħruf tagħha huwa s-sistema operattiva tal-kompjuters li jisimha Astra Linux, li issa tintuża kważi totalment mill-forzi militari Russi kollha. Is-sistemi ta' informazzjoni ewlenin tal-Kwartieri Ġenerali tal-Armata Russa huma bbażati fuq Astra Linux. Il-kumpanija hija magħrufa wkoll għall-manifattura ta' punti ta' kmand tat-tip APE-5 li jintużaw b'mod attiv għall-komunikazzjoni fuq il-post waqt il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC RPA RUSBITECH hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
148.	JSC Concern Radio-Electronic Technologies (KRET) (bir-Russu: АО 'Концерн Радиоэлектронные технологии' (КРЭТ))	Indirizz: Goncharnaya st., 20/1, 109240, Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1097746084666 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7703695246 Telefown: +7 (495) 587-70-70 Sit web: https://www.kret.tech/ Posta elettronika: info@kret.com	Concern Radio-Electronic Technologies KRET hija l-iżviluppatur u l-manifattur ewlieni ta' prodotti radjuelettroniċi militari fir-Russja. Hija sussidjarja ta' Rostec. Immanifatturat is-sistemi tal-gwerra elettronika Krasukha-4 li ntużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
149.	JSC 'RADIOAVIONIKA' (bir-Russu: АО 'Радиоавионика')	Indirizz: Troitskiy pr., 4, building B, St. Petersburg, 190005, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1027810239555 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7809015518 Telefown: +7 (812) 607-50-50 Sit web: http://www.radioavionica.ru Posta elettronika: info@radioavionica.ru	Radioavionika hija kumpanija Russa tas-settur tat-teknoloġija u fornitur tal-armi tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Radioavionika żviluppat u mmanifatturat is-sistemi ta' rikonjizzjoni, kmand, kontroll u komunikazzjoni 'Strelets-M' li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
150.	JSC Technodinamika (bir-Russu: АО Технодинамика)	Indirizz: 35, Bolshaya Tatarskaya Str., Bldg. 5, 115184, Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1037719005873 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7719265496 Telefown: +7 (495) 627-1099 Posta elettronika: info@tdhc.ru Sit web: http://technodinamika.ru	Technodinamika hija manifattur ta' armi, munizzjon u prodotti tal-kimika u tal-avjazzjoni, u fornitur militari tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Hija kumpanija azzjonarja li tinkludi aktar minn 100 intrapriża. Il-kumpaniji sussidjarji ta' Technodinamika mmanifatturaw vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord KBLA-IVC, sistemi ta' tqegħid ta' mini ISDM Zemledeliye u munizzjon għar-rokits użati f'lanċaturi BM-27 Uragan, missili tal-inġenji tal-ajru ggwidati Vikhr u sistemi tal-artillerija tar-rokit Tornado-S, li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed tappoġġa materjalment jew tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
151.	JSC 'Ulan-Ude Aviation Plant' (bir-Russu: АО 'УЛАН-УДЭНСКИЙ АВИАЦИОННЫЙ ЗАВОД')	Indirizz: Khorinskaya Str. 1, 670009 Ulan-Ude, Republic of Buryatia, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1020300887793 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 0323018510 Telefown: +7 (301) 248-0392 Sit web: https://rabotauuaz.ru/o-predpriyatii#O_predpriyatii Posta elettronika: uuaz@uuaz.ru	Ulan-Ude Aviation Plant huwa fornitur kkuntrattata tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Immanifattura ħelikopters tat-trasport militari Mi-8AMTSh li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
169.	PUBLIC JOINT STOCK COMPANY 'ZAVOD TULA' (bir-Russu: ПУБЛИЧНОЕ АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'ЗАВОД ТУЛА')	Tula region, Tula, F. Smirnova str., 28 korp. Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubblika Data tar-reġistrazzjoni: 16.8.2002 Post tar-reġistrazzjoni: Tula, Russia Numru tar-reġistrazzjoni: 1027100592210 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7104002862 Post prinċipali tan-negozju: Russia	PJSC 'ZAVOD TULA' hija l-iżviluppatur ewlieni u l-fornitur serjali ta' mezzi mobbli ta' radjazzjoni, tkixxif bijoloġiku kimiku u mhux speċifiku għall-Unità tal-Ministeru tad-Difiża tal-Federazzjoni Russa responsabbli mir-radjazzjoni, il-protezzjoni kimika u bijoloġika. PJSC 'ZAVOD TULA' tipprovdi vetturi speċjali manifatturati ta' tkixxif ta' radjazzjoni lill-Forzi Armati Russi, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Il-PJSC 'ZAVOD TULA' hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet, li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
209.	SUN Ship Management (D) Ltd.	Post tar-reġistrazzjoni: Dubai, United Arab Emirates (Unit OT 17-32, Level 17, Central Park Offices, Dubai International Financial Centre, Dubai, PO Box 507065, United Arab Emirates) Data tar-reġistrazzjoni: 2.8.2012 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 1244 Postijiet prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates, Russian Federation, European Union Entitajiet assoċjati: PAO Sovcomflot (kumpanija omm) Numru tar-reġistrazzjoni: 11440513	SUN Ship Management (D) Ltd., li qabel kienet magħrufa bħala SCF Management Services (Dubai) Ltd., hija kumpanija tal-ġestjoni tal-bastimenti bbażata f'Dubai, li tagħmel parti minn PAO Sovcomflot (SCF Group), l-akbar kumpanija tat-tbaħħir tar-Russja, li tispeċjalizza fit-trasport ta' gass likwifikat, żejt grezz u prodotti tal-petroleum, kif ukoll is-servizzjar fir-rigward tal-produzzjoni ta' enerġija offshore upstream. SUN Ship Management (D) Ltd timmaniġġa u topera flotta ta' kważi mitt bastiment taż-żejt, tal-gass naturali likwifikat u tal-kimika, b'kapaċità ta' aktar minn 150 000 tunnellaġġ ta' piż mejjet. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, SUN Ship Management (D) Ltd. kienet qed topera bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin li jimmaniġġaw u joperaw it-trasport marittimu taż-żejt Russu. Huwa importanti l-fatt li, bħala parti mill-kumpanija tat-tbaħħir statali Russa PAO Sovcomflot, il-Federazzjoni Russa hija l-benefiċjarju aħħari tas-servizzi offruti minn SUN Ship Management (D) Ltd.. Tali servizzi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-gvern tal-Federazzjoni Russa, li jammonta għal aktar minn 70 % tad-dħul mill-enerġija tar-Russja, u b'hekk jippermettu lill-Kremlin jiffinanzja l-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, SUN Ship Management (D) Ltd. hija entità li tappoġġa, materjalment u finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, SUN Ship Management (D) Ltd. hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	25.2.2023

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1894/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
250.	LLC MirTelecom (ООО Миртелеком)	Indirizz: 295017, Crimea, Simferopol, Komsomolskaya st., house 6 apartment 40, room 11 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Crimea Data tar-reġistrazzjoni: 9.6.2022 Numru tar-reġistrazzjoni: 1229100007366 Post prinċipali tan-negozju: Ir-reġjuni okkupati mir-Russja ta' Zaporizhzhia u Kherson Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9102282270 KPP: 910201001, Telefown: +7 (978) 915-54-07 Posta elettronika: mirtelecom@ro.ru, tdi@mir-telecom.ru, info@mir-telecom.ru Sit web: https://mirtelecom.org/ru/kontakty/	LLC MirTelecom hija kumpanija tat-telekomunikazzjoni Russa li tipprovdi servizzi tat-telekomunikazzjoni fir-reġjuni okkupati mir-Russja ta' Zaporizhzhia u Kherson. LLC MirTelecom kisbet 10 liċenzji mill-awtoritajiet Russi biex tipprovdi diversi servizzi ta' telekomunikazzjoni fir-Russja u fir-reġjuni annessi illegalment ta' Zaporizhzhia u Kherson, il-Krimea u Sevastopol. Is-servizzi ta' LLC MirTelecom jipprovdu appoġġ għall-amministrazzjonijiet militari-ċivili Russi u l-attivitajiet illegali tagħhom. Għalhekk, LLC MirTelecom qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
251.	JSC SPECIAL DESIGN BUREAU OF TRANSPORTMECHANICAL ENGINEERING magħrufa wkoll bħala JSC Spetsmash (АО 'СПЕЦИАЛЬНОЕ КОНСТРУКТОРСКОЕ БЮРО ТРАНСПОРТНОГО МАШИНОСТРОЕНИЯ' magħrufa wkoll bħala АО 'Спецмаш')	Indirizz: Russian Federation, St. Petersburg, 47 Stachek Ave., building 2 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 10.12.1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027802749061 Post prinċipali tan-negozju: St. Petersburg, Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9102282270 KPP: 910201001, Sit web: www.specmash-kb.com Telefown: +7 (812) 320-08-23 Posta elettronika: specmash@specmash-kb.com	JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering hija wieħed mill-kumplessi industrijali u ta' difiża tar-Russja li jiżviluppa u jimmanifattura vetturi militari u bi skop speċjali. JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering twaqqfet fl-Impjant ta' Kirov u għandha l-faċilitajiet kollha meħtieġa għar-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' vetturi militari. JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering indirettament hija proprjetà tal-Korporazzjoni Statali Rostec. JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering tiżviluppa u timmodernizza l-karru armat ewlieni T-80, l-artillerija awtopropulsiva 2S7 'Pion' u l-verżjoni mtejba tagħha 2S7M 'Malka', u x-xażi għas-sistema ta' difiża tal-ajru S-300V. Dawk il-magni militari tqal jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-karrijiet armati ewlenin, l-artillerija awtopropulsiva u s-sistemi ta' difiża tal-ajru prodotti minn JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering jipprovdu kapaċitajiet ta' ġlied u qawwa tan-nar lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
418.	JSC Kazan Experimental Design Bureau Soyuz magħrufa wkoll bħala Kazan OKB Soyuz magħrufa wkoll bħala Kazan Design Bureau Soyuz magħrufa wkoll bħala Kazan Experimental Design Bureau Union (Открытое Акционерное Общество "Казанское Опытное Конструкторское Бюро 'Союз'" magħrufa wkoll bħala ОАО "Казанское ОКБ 'Союз'")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 420036, Republic of Tatarstan, Kazan, Dementyeva st., 1 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 26.11.2002 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1661008339 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC Kazan Experimental Design Bureau Soyuz hija intrapriża statali militari-industrijali Russa li tiżviluppa muturi rokit bi propellant solidu għal sistemi ta' missili użati mill-Forzi Armati Russi. Barra minn hekk, JSC Kazan Experimental Design Bureau Soyuz tagħmel parti minn Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u ta' missili kruċieri għall-militar Russu. Għalhekk, JSC Kazan Experimental Design Bureau Soyuz qed tappoġġa materjalment lil, u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC Kazan Experimental Design Bureau Soyuz hija assoċjata ma' Joint Stock Company Almaz-Antey air and Space Defense Corporation.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
419.	JSC MMZ magħrufa wkoll bħala Mariyskiy Machine-Building Plant magħrufa wkoll bħala Mariyskiy Mashinostroitelniy Zavod (Открытое Акционерное Общество "Марийский Машиностроительный Завод" magħrufa wkoll bħala OAO "ММЗ")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 424003, Republic of Mari El, Yoshkar-Ola, st. Suvorova, 15 Data tar-reġistrazzjoni: 18.4.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1021200757808 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1200001885 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC NMZ (magħrufa wkoll bħala Mariyskiy Machine-Building Plant) hija intrapriża statali militari-industrijali Russa li tiżviluppa sistemi ta' kontroll għad-difiża tal-ajru, inkluż is-sistemi tal-missili kontra l-inġenji tal-ajru S-300V, użati mill-Forzi Armati Russi. Barra minn hekk, JSC MMZ tagħmel parti minn Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u ta' missili kruċieri għall-militar Russu. Għalhekk, JSC MMZ qed tappoġġa materjalment lil, u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC MMZ hija assoċjata ma' Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
420.	JSC MZIK magħrufa wkoll bħala Kalinin Machine-Building Plant magħrufa wkoll bħala Kalinin Machine Plant magħrufa wkoll bħala Public Joint Stock Company "Machine-Building Plant named after M.I. Kalinin, Yekaterinburg, Kalinin, Yekaterinburg" magħrufa wkoll bħala KMZ magħrufa wkoll bħala Mashzavod imeni Kalinin magħrufa wkoll bħala Yekaterinburg Machine-Building Plant magħrufa wkoll bħala Yekaterinburg United Enterprises magħrufa wkoll bħala Plant No. 8 (ПАО "Мзик" magħrufa wkoll bħala Публичное Акционерное Общество "Машиностроительный Завод Имени М.И. Калинина, Г. Екатеринбург")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 620091, Sverdlovsk region, Yekaterinburg, Kosmonavtov Ave., building 18 Data tar-reġistrazzjoni: 31.5.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 1026605624451 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6663003800 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC MZIK (magħrufa wkoll bħala Kalinin Machine-Building Plant) hija intrapriża statali militari-industrijali Russa li tiżviluppa tagħmir tal-ġlied għas-sistema tal-missili kontra l-inġenji tal-ajru S-300V u għas-sistema tal-missili kontra l-inġenji tal-ajru BUK-M1 użati mill-Forzi Armati Russi. Barra minn hekk, JSC MZIK tagħmel parti minn Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u ta' missili kruċieri għall-militar Russu. Għalhekk, JSC MZIK qed tappoġġa materjalment lil, u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC MZIK hija assoċjata ma' Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
421.	JSC Saturn (Публичное Акционерное Общество "Сатурн" magħrufa wkoll bħala ПАО "Сатурн")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, Omsk region, Omsk, Karl Marx Avenue, 41 Data tar-reġistrazzjoni: 24.7.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1025500970516 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5508000955 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC Saturn hija intrapriża statali militari-industrijali Russa li tiżviluppa tagħmir radjuelettroniku għal sistemi tal-missili kontra l-inġenji tal-ajru użati mill-Forzi Armati Russi. Barra minn hekk, JSC Saturn tagħmel parti minn Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u missili kruċieri għall-militar Russu. Għalhekk, JSC Saturn qed tappoġġa materjalment lil, u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC Saturn hija assoċjata ma' Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation.	23.2.2024
422.	JSC STC Promtekhaero magħrufa wkoll bħala Scientific and Technical Center for Industrial Technologies and Air Navigation Systems magħrufa wkoll bħala NTC Promtehaero (Акционерное Общество "Научно-Технический Центр Промышленных Технологий И Аэронавигационных Систем" magħrufa wkoll bħala АО "НТЦ Промтехаэро")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 105120, Moscow, Syromyatnichesky pr-d, 6 k.1 Data tar-reġistrazzjoni: 25.3.2009 Numru tar-reġistrazzjoni: 1097746164119 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7709827690 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC STC Promtekhaero (magħrufa wkoll bħala Scientific and Technical Center for Industrial Technologies and Air Navigation Systems) hija intrapriża statali militari-industrijali Russa li tiżviluppa tagħmir ta' trażmissjoni u navigazzjoni bir-radju użat mill-forzi armati Russi. Barra minn hekk, JSC STC Promtekhaero tagħmel parti minn Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u ta' missili kruċieri għall-militar Russu. Għalhekk, JSC STC Promtekhaero qed tappoġġa materjalment lil, u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC STC Promtekhaero hija assoċjata ma' Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
423.	JSC GosNIIP magħrufa wkoll bħala JSC State Scientific Research Institute Of Instrument Making (Акционерное Общество "Государственный Научно-Исследовательский Институт Приборостроения" magħrufa wkoll bħala АО "Госниип")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 129226, Moscow, Mira Avenue, 125 Data tar-reġistrazzjoni: 24.2.2011 Numru tar-reġistrazzjoni: 1117746132811 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7717693545 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC GosNIIP (magħrufa wkoll bħala JSC State Scientific Research Institute Of Instrument Making) hija intraprīża statali militari-industrijali Russa li tiżviluppa, fost l-oħrajn, sistemi ta' kontroll għal missili kontra s-sottomarini u missili kruċieri użati mill-Forzi Armati Russi. Għalhekk, JSC GosNIIP qed tappoġġa materjalment lil, u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC GosNIIP hija sussidjarja tal-grupp Almaz-Antey, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa armi kontra l-inġenji tal-ajru u sistemi ta' missili kruċieri għall-militar Russu. Għalhekk, JSC GosNIIP hija assoċjata ma' Joint Stock Company Almaz-Antey air and space defence corporation.	23.2.2024
425.	Limited liability company "Testkomplekt" magħrufa wkoll bħala LLC Testkomplekt (Общество С Ограниченной Ответственностью "Тесткомплект")	Indirizz: 107140, Russian Federation, Moscow, st. Upper Krasnoselskaya, 2/1, building 1, fl. 3, room 317 Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 24.2.2016 Numru tar-reġistrazzjoni: 1165029051472 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5029208152 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation, Mytishchi Indirizz elettroniku: info@test-komplekt.ru Telefown: +74954090595, +7 (903) 609-12-33, +7 (929) 529-12-31 Sit web: test-komplekt.ru KPP: 770801001	LLC Testkomplekt tipprovdi merkanzija li taqa' taħt il-miżuri restrittivi tal-Unjoni fuq il-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari, LLC Testkomplekt toffri firxa wiesgħa ta' komponenti li jikkonvertu mill-analogu għad-diġitali, mikrokontrolluri, dijodi u sensuri li ma jistgħux jiġu esportati lejn il-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, LLC Testkomplekt hija fornitur ta' Radiopribors nab, sussidjarja ta' Concern Radioelectronic Technologies (KRET), l-iżviluppatur u l-manifattur ewlieni tar-Russja ta' prodotti radjuelettroniċi militari. Għalhekk, LLC Testkomplekt qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, LLC Testkomplekt qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
429.	Joint-Stock Company "United Instrument Manufacturing Corporation" magħrufa wkoll bħala JSC "OPK"; JSC UIMC (Акционерное Общество "Объединенная Приборостроительная Корпорация"; magħrufa wkoll bħala AO "ОПК")	Indirizz: 121357, Russian Federation, Moscow, Vereyskaya st., 29 building 141 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 26.3.2014 Numru tar-reġistrazzjoni: 1147746324340 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7704859803 KPP: 773101001 Telefown: +7 (495) 357-09-04 E-mail: a.lee@opkrt.ru, e.arinina@opkrt.ru, e.sharova@oboronprom.ru, glavbux-olga@mail.ru, n.koritskaya@opkrt.ru	JSC United Instrument Manufacturing Corporation (JSC OPK) hija korporazzjoni statali Russa. Hija kumpanija maniġerjali speċjalizzata, li taħt l-awspiċji tagħha huma magħqudin l-istrutturi xjentifiċi u ta' produzzjoni tal-industrija radjuelettronika Russa. Il-kumpanija hija assoċjata ma' u timmaniġġja kumpaniji tal-industrija tad-difiża Russa (JSC Ruselectronics, NPP Istoku Concern Sozvezdie) li jimmanifatturaw tagħmir użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, JSC OPK qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
430.	Joint Stock Company "Scientific and Technical Center 'ATLAS'" magħrufa wkoll bħala JSC "STC"Atlas'" (Акционерное Общество "Научно-Технический Центр 'АТЛАС'" magħrufa wkoll bħala АО "НТЦ"Атлас")	Indirizz: Russian Federation, 127018, Moscow, 38 Obraztsova St Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 7.9.2020 Numru tar-reġistrazzjoni: 1207700325590 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://www.stcnet.ru/ Telefown: +7(495)689–41–42 Fax: +7(495) 689–23–52 E-mail: atlas@stcnet.ru Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9715389053 KPP: 771501001	JSC Scientific and Technical Center "Atlas" (JSC STC Atlas) hija intrapriża Russa li tirriċerka, tiżviluppa u timmanifattura tagħmir u infrastruttura siguri tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni użati fis-settur tad-difiża. JSC STC Atlas għandha liċenzji li jippermettulha tiżviluppa u timmanifattura tagħmir militari. JSC STC Atlas tipproduċi mobiles li għandhom il-kapaċità li jipproteġu u jikkriptaw il-messaġġi biex jiżguraw it-trażmissjoni sigura tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet Russi. Dawk l-apparati mobbli huma liċenzjati mis-servizzi tal-intelligence Russi – SVR u FSB. Il-Ministeru għad-Difiża Russu xtara ammont sinifikanti ta' mobiles M-633S b'karatteristiċi ta' komunikazzjoni sigura li kienu ddisinjati u prodotti minn JSC STC Atlas. Barra minn hekk, il-klijenti ta' JSC STC Atlas jinkludu s-servizzi ta' intelligence – FSB u SVR. L-attivitajiet u t-tagħmir ta' JSC STC Atlas isaħħu l-kapaċitajiet operazzjonali u jtejbu s-sigurtà tal-informazzjoni tal-istituzzjonijiet u s-servizzi militari Russi. Fl-4 ta' Mejju 2022, JSC STC Atlas irċeviet ċertifikat ta' apprezzament mill-President tar-Russian Federation Vladimir Putin għall-attivitajiet u l-kontribut tagħha għas-settur tad-difiża tal-pajjiż. Għalhekk, JSC STC Atlas qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
433.	Nizhny Novgorod Joint Stock Company "Hydromash" named after V.I. Luzyanin magħrufa wkoll bħala JSC Hydromash; NJSC Hydromash; Nyzhehorodske aktsionerne tovarystvo "Hidromash" imeni V.I. Luzianina (Нижегородское Акционерное Общество "Гидромаш" имени В. И. Лузянина; magħrufa wkoll bħala НАО "Гидромаш")	Indirizz: 603022, Russian Federation, Nizhny Novgorod region, Nizhny Novgorod, Gagarin Ave., 22 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 2.7.1990 (data ta' inkorporazzjoni 30.7.2002) Numru tar-reġistrazzjoni: 1025203720189 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5262008630 E-mail: info@hydromash.ru Telefown: +7 (831) 278-84-99 Sit web: www.hydromash.ru	Nizhny Novgorod JSC "Hydromash" named after V.I. Luzyanin (JSC Hydromash) hija intrapriża Russa ewlenija fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-ittestjar ta' attrezzatura għall-inżul, ċilindri idrawliċi u unitajiet idrawliċi għal kull tip ta' apparat ta' inġenji tal-ajru. Il-kumpanija tipparteċipa fi kważi l-proġetti domestiċi kollha ta' kostruzzjoni ta' inġenji tal-ajru (kemm fl-isfera ċivili kif ukoll f'dik militari). JSC Hydromash twettaq l-ordnijiet ta' difiża tal-istat Russu, u l-prodotti tagħha (xaži u unitajiet idrawliċi oħra) jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Hydromash qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
445.	Belarusian Republican Youth Union (bir-Russu: Белорусский республиканский союз молодёжи bil-Belarussu: Беларускі рэспубліканскі саюз моладзі)	Indirizz: 40-79 Karl Marx street, Minsk, Belarus, 220030 Tip ta' entità: Organizzazzjoni mhux Governattiva Telefown: 8 (017) 371 04 64 Website: http://www.brsm.by/ru Email: okrckbrsm@gmail.com Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 102275857	Il-Belarusian Republican Youth Union hija organizzazzjoni mhux governattiva fil-Belarussja u hija waħda mill-atturi ewlenin involuti fid-deportazzjoni ta' tfal Ukreni mit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna lejn il-Belarussja. Il-Belarusian Republican Youth Union kienet involuta fis-sottomissjoni tat-tfal għal riedukazzjoni u indottrinazzjoni politika, kif ukoll fil-koordinazzjoni ta' aspetti prattiċi, bħall-akkomodazzjoni tat-tfal fil-Belarussja. Għalhekk, il-Belarusian Republican Youth Union qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024
454.	JSC Armour Repair Plant No. 144 magħrufa wkoll bħala JSC 144 BTRZ (AO "144 БТРЗ")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 620024, Ekaterinburg, ulitsa Simkaya, d. 2 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 18.5.2009 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6674331056 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1096674009332	JSC Armour Repair Plant No. 144 hija intrapriża militari-industrijali Russa li tipproduċi vetturi armati użati mill-forzi armati Russi. Għalhekk, JSC Armour Repair Plant No. 144 qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
455.	JSC Armour Repair Plant No. 560 magħrufa wkoll bħala JSC 560 BTRZ (АО "560 БТРЗ")	Post tar-reġistrazzjoni: 676811 Amurskaya oblast, Belogorskiy Rayon, Vozhaevka, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 25.5.2009 Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa: 2811005250 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1092804000255	JSC Armour Repair Plant No. 560 hija intrapriża militari-industrijali Russa li tipproduċi vetturi armati użati mill-forzi armati Russi. Għalhekk, JSC Armour Repair Plant No. 560 qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	24.6.2024
456.	Burovaya Kompaniya Evraziya LLC magħrufa wkoll bħala Burovaya Kompaniya Eurasia magħrufa wkoll bħala BKE LLC (ООО Буровая Компания Евразия magħrufa wkoll bħala ООО БКЭ)	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 123298, Moscow, ulitsa Narodnogo Opolcheniya, d. 40, k. 2 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Data tar-reġistrazzjoni: 25.11.2002 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 8608049090 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1028601443034	Burovaya Kompaniya Evraziya LLC hija kumpanija ewlenija fis-settur tal-enerġija Russu. Bħala waħda mill-akbar kumpaniji tat-tħaffir fir-Russja, Burovaya Kompaniya Evraziya LLC tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-iżvilupp tas-settur tal-enerġija Russu. Għalhekk, Burovaya Kompaniya Evraziya LLC hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
457.	Siberian Service Company JSC magħrufa wkoll bħala AO Sibirskaya Servisnaya Kompany magħrufa wkoll bħala AO "SSK" (АО Сибирская Сервисная Компания magħrufa wkoll bħala AO "ССК")	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation 125284, Moscow, Leningradskiy Prospekt, d. 31a, str. 1 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 20.12.2002 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 0814118403 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1028601792878	Siberian Service Company JSC hija kumpanija ewlenija fis-settur tal-enerġija Russu. Siberian Service Company għandha sehem kbir mis-suq fis-servizzi tat-tħaffir tal-bjar taż-żejt u tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-iżvilupp tas-settur tal-enerġija Russu. Għalhekk, Siberian Service Company JSC hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	14.6.2024
458.	Neftegazpromstroy LLC magħrufa wkoll bħala NGPS LLC (ООО Нефтегазпромстрой magħrufa wkoll bħala ООО НГПС)	Post tar-reġistrazzjoni: 630004, Ulitsa Lenina d. 52, Novosibirsk, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Data tar-reġistrazzjoni: 27.4.2015 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5407223338 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1155476047176	Neftegazpromstroy LLC hija kumpanija ewlenija fis-settur tal-enerġija Russu. Sa mit-twaqqif tagħha fl-2015, il-kumpanija kienet involuta fil-kostruzzjoni ta' bosta pipelines tal-gass u taż-żejt u fl-iżvilupp ta' siti tat-tħaffir għaż-żejt, li kkontribwew b'mod sostanzjali għall-iżvilupp tas-settur tal-enerġija Russu. Għalhekk, Neftegazpromstroy LLC hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
471.	JSC Sovcomflot (ПАО "Современный коммерческий флот" magħrufa wkoll bħala ПАО "Совкомфлот")	Indirizz: 3a Moyka River Embankment, St. Petersburg, 191186 Russian Federation; 6 Gasheka Street, Moscow, 125047 Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg and Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 31.7.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739028712 Telefown: +7 (495) 660-40-00, +7 (812) 385-94-00 Sit web: https://www.sovcomflot.ru Email: info@scf-group.ru, spbinfo@scf-group.ru Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7702060116 KPP: 784101001 Fax: +7 (495) 660-40-99; +7 (812) 385-94-49	Sovcomflot hija l-akbar kumpanija tat-tbaħħir tar-Russja, li tispeċjalizza fit-trasport ta' gass likwifikat, żejt mhux maħdum, u prodotti tal-petroleum, kif ukoll l-għoti ta' servizzi għal produzzjoni ta' enerġija offshore upstream. Sovcomflot tiffoka l-attivitajiet tagħha fuq merkanzija domestika u tispeċjalizza fis-segmenti tas-suq tat-tankers li huma partikolarment meħtieġa mill-kummerċ barrani Russu. F'livell mondjali, Sovcomflot hija fuq quddiem fil-qasam tat-tankers Aframax (80 000 -120 000 tunnellata ta' piż mejjet) u tankers tal-prodotti. Sovcomflot ilha mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna topera bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin li jimmaniġġaw u joperaw it-trasport marittimu taż-żejt Russu. Sovcomflot hija kumpanija tat-tbaħħir tal-istat Russu, u għalhekk, il-Federazzjoni Russa hija l-benefiċjarju aħħari tas-servizzi tagħha. Tali servizzi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li jammonta għal aktar minn 70 % tad-dħul mill-enerġija tar-Russja, u b'hekk jippermettu lill-Kremlin jiffinanzja l-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Sovcomflot qed tappoġġa, materjalment u finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, Sovcomflot hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
472.	JSC Compel magħrufa wkoll bħala JSC Kompel JSC Kompel (Акционерное Общество Компэл)	Indirizz: 109316, Russian Federation, Moscow, Volgogradsky Ave., 28A, pom. I, floor. 3, com. 6 Uffiċċji: 109052, Russian Federation, Moscow, Novokhokhlovskaya str., 23 bldg. 1 (Ring Park Business Park), 3rd floor; 199034, Russian Federation, St. Petersburg, VO, Bolshoy Prospekt, 18, lit. A (Andriyivskyi Shopping and Office Center) Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 12.11.1993 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700032161 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7713005406 Sit web: https://www.compel.ru/ Telefown: +7 (495) 995-0901, +7 (812) 327-9404 E-mail: msk@compel.ru, spb@compel.ru	JSC Compel hija waħda mill-akbar kumpaniji Russi li jfornu komponenti u moduli lill-manifatturi ta' tagħmir elettroniku. Hija tipparteċipa fi skemi ta' importazzjoni għal komponenti elettroniċi u tforni lill-industrija Russa b'komponenti mikroelettroniċi ta' importanza strateġika, li huma integrali għall-kapaċitajiet militari Russi u meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' żvilupp industrijali fuq skala kbira. Għalhekk, JSC Compel qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
478.	Limited Liability Company Gumich RTK bir-Russu: ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ "ТУМИЧ РТК" magħrufa wkoll bħala LLC Gumich RTK magħrufa wkoll bħala OOO Gumich RTK magħrufa wkoll bħala ООО "ТУМИЧ РТК"	Indirizz: Varshavskoe 28A, Moscow, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1227700009349 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9726005407 Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Limited Liability Company Gumich (parent company)	LLC Gumich RTK hija kumpanija Russa li tipproduċi pjattaformi tar-robots Impulse-M, li huma maħsuba biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u diġà ġew ittestjati fuq il-post mill-Forzi Armati Russi mis-sajf tal-2024. Għaldaqstant, LLC Gumich RTK tappoġġa materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna.	16.12.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
483.	Joint Stock Company Scientific Production Enterprise "Aerosila" bir-Russu: Акционерное Общество "Научно-Производственное Предприятие 'Аэросила'" (НПП Аэросила) magħrufa wkoll bħala Aerosila JSC SPE magħrufa wkoll bħala NPP Aerosila PAO	Indirizz: 142800, Russian Federation, Stupino, Zhdanov Str., 6 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 16.6.2000 Numru tar-reġistrazzjoni: 1025005917023 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5045002261 KPP: 504501001 Posta elettronika: vint@aerosila.ru Telefown: (496) 642-33-30, 642-80-85 Sit web: http://www.aerosila.ru Individwi assoċjati: Pavel Gennadievich Tochilin (Direttur Ġenerali) (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 504501388297)	JSC SPE "Aerosila" hija żviluppatur u manifattur Russu tad-diversi partijiet tal-inġenji tal-ajru, pereżempju magni, skrejjen u fannijiet. JSC SPE "Aerosila" tipprovdi l-prodotti tagħha lill-manifatturi tal-avjazzjoni domestiċi. Il-prodotti tal-kumpanija jintużaw biex jinħolqu inġenji tal-ajru militari li l-Forzi Ajruspazjali Russi jużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Pereżempju l-unità tal-enerġija tal-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord Orion APD-115T hija mgħammra bi skrun AV-115 manifatturat minn JSC SPE "Aerosila". Barra minn hekk, il-Federazzjoni Russa għandha dritt speċjali ("golden share") għall-parteċipazzjoni fil-kontroll tal-JSC SPE "Aerosila", li jippermetti lill-Federazzjoni Russa dritt deċiżiv tal-vot fuq l-azzjonisti l-oħra meta tadotta deċiżjonijiet ewlenin. Għalhekk, JSC SPE "Aerosila" tappoġġa u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1894/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
489.	Joint Stock Company Tula Machine Building Plant bir-Russu: Акціонерне товариство "Акціонерна компанія 'Туламашзавод'" magħrufa wkoll bħala JSC Tula Machine Building Plant magħrufa wkoll bħala JSC Tulamashzavod	Indirizz: 300002, Russian Federation, Tula, Mosina str., 2 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: 300002, Russian Federation, Tula, Mosina str., 2 Data tar-reġistrazzjoni: 25.11.1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027100507114 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7106002836 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Posta elettronika: sapr@tulamash.ru, sekretar@tulamash.ru Telefown: +7 (4872) 55-87-13 Sit web: http://tulamash.ru KPP: 710601001	JSC Tula Machine Building Plant hija manifattur tad-difiża Russu bi speċjalizzazzjoni fil-produzzjoni ta' tagħmir militari avvanzat, b'mod partikolari fil-qasam tal-armi u s-sistemi tal-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru. Il-kumpanija hija responsabbli għall-iżvilupp u l-manifattura ta' diversi sistemi ta' difiża ewlenin, inkluż is-sistema tal-missili u l-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru KASHTAN, is-sistema tal-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru PALMA, u firxa ta' kanuni awtomatiċi u pistoli awtomatiċi ta' 30 mm bħall-Gryazev-Shipunov GSh-6-30 u l-2A72. Dawn is-sistemi huma integrati f'diversi pjattaformi militari, inkluż vetturi tal-ġlied tal-infanterija bħall-BMP-3 u l-BTR-80A, u huma mmuntati wkoll fuq assi strateġiċi bħall-aircraft carrier tal-klassi Kuznetsov. Il-prodotti tal-kumpanija ntużaw b'mod attiv f'diversi operazzjonijiet militari, inkluż l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, fejn diversi sistemi bħall-vetturi tal-ġlied tal-infanterija BMP-3 u s-sistemi tal-missili mill-wiċċ għall-ajru Pantsir-S1 ġew irrappurtati li nqerdu. Għalhekk, JSC Tula Machine Building Plant qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
490.	Joint-Stock Company VNIIR-Progress bir-Russu: Акционерное общество ВНИИР-Прогресс magħrufa wkoll bħala JSC VNIIR-Progress	Indirizz: 428903, Russian Federation, Chuvash Republic, Cheboksary, pr. I.Yakovleva, 4 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: 428903, Russian Federation, Chuvash Republic, Cheboksary, pr. I.Yakovleva, 4 Data tar-reġistrazzjoni: 14.10.2011 Numru tar-reġistrazzjoni: 1112130013270 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2130094170 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Posta elettronika: progress@vniir.ru Telefown: +7 (8352) 39-00-29, +7 (8352) 39-00-23 KPP: 213001001	JSC VNIIR-Progress hija istitut Russu tar-riċerka u l-iżvilupp li jispeċjalizza fil-produzzjoni ta' sistemi avvanzati ta' gwerra elettronika (electronic warfare - EW), li jiffukaw fuq teknoloġiji għall-imblukkar tas-sinjali u l-ġbir ta' intelligence. Wieħed mill-prodotti ewlenin tagħhom huwa l-antenna Kometa, li hija mfassla biex tfixkel il-komunikazzjonijiet billi tinterferixxi mal-frekwenzi tar-radju, tas-satellita u tar-radar. Il-varjant Kometa-M, tip ta' antenna Kometa, użat f'apparati bħall-vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord Orlan-10 u kits tal-bombi ggwidati, juża arranġamenti adattivi ta' antenna biex itejjeb ir-reżistenza kontra l-interferenza elettronika, filwaqt li jiżgura mmirar preċiż anke taħt miżuri kontradittorji tal-EW. Armi li jinkorporaw antenni Kometa manifatturati minn JSC VNIIR-Progress jintużaw b'mod estensiv fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u għalhekk JSC VNIIR-Progress qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. JSC VNIIR Progress ikkollaborat b'mod estensiv mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja, u żiedet b'mod sinifikanti l-produzzjoni ta' sistemi ta' navigazzjoni u elettriċi għal tagħmir militari, inkluż tankijiet, vapuri, u sistemi EW. Il-modulu Kometa-M, oriġinarjament iddisinjat biex jipproteġi d-droni mill-EW, issa qed jiġi adattat għal bombi mhux iggwidati biex tittejjeb il-preċiżjoni bl-użu tal-GPS u data satellitari oħra. Barra minn hekk, JSC VNIIR-Progress tipparteċipa f'kuntratti tal-gvern ta' valur għoli, bħall-forniment ta' apparat elettroniku lill-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC VNIIR-Progress qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1894/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
505.	Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd biċ-Ċiniż: 厦门林巴贺航空发动机股份有限公司 magħrufa wkoll bħala Limbach Aviation magħrufa wkoll bħala Xiamen Limbach Aircraft Engine Co., Ltd.	Indirizz: Part 2, Floor 6, No. 882-1, Lianting Road, Xiangan Industrial Park, Torch High-tech Zone, Xiamen City, People's Republic of China, 361100 Indirizz: Unit E, Unit 431, 4th Floor, Building C, Xiamen International Shipping Center, No. 93 Xiangyu Road, Xiamen Area, China (Fujian) Pilot Free Trade Zone, Fujian, People's Republic of China Data tar-reġistrazzjoni: 20.11.2012 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 91350200051193084R Telefown: 0086-592-5383060, 538305 Sit web: http://www.limbach.cn Posta elettronika: sales@limbach.cn Entitajiet assoċjati: – OOO TSK Vektor, magħrufa wkoll bħala LLC TSK Vektor – Redlepus TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co., Ltd – Juhang Aviation Technology Shenzhen Co. Numru tar-reġistrazzjoni: 350200200075990	Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd (Xiamen Limbach) hija kumpanija Ċiniża li tipproduċi magni tas-serje L550 għad-droni. Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd ikkonsenjat tali komponenti lil IEMZ Kupol, sussidjarja tal-kumpanija tal-armi tal-istat Russu Almaz-Antey, li sussegwentement intużaw għall-manifattura ta' droni ta' attakk fuq distanza twila tat-tip Garpiya-3 (G3) għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn il-konsenji saru permezz ta' entitajiet oħra rreġistrati fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, b'mod partikolari Redlepus TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co., Ltd u Juhang Aviation Technology Shenzhen Co. Ltd. Huwa ssuspettat ukoll li Xiamen Limbach kienet involuta fil-kondiviżjoni tad-disinn tal-magna L550 ma' entitajiet involuti fil-produzzjoni tal-magni tal-vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord Shahed-136. Id-droni Shahed ilhom jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
506.	LLC "Leading Charter Technologies" bir-Russu: ООО "Ведущие Технологии Чартера"	Indirizz: 107031, Moscow, vn.ter. g. Meshchansky Municipal District, Rozhdestvenka Street, 5/7, bldg. 2, room. 4A/5, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Sit web: https://chartertech.ru/, https://lct.com.cy/, https://lct-uae.com/ Telefown: +7 495 215-01-15 Posta elettronika: sales@chartertech.ru	LLC "Leading Charter Technologies" hija kumpanija Russa li topera bħala kumpanija privata tat-trasport bl-ajru. Hija tikri inġenji tal-ajru biex jinżlu fi, jitilqu minn u jtiru fuq it-territorju tal-UE. LLC "Leading Charter Technologies" topera titjiriet mir-Russja lejn l-Unjoni Ewropea u mill-Unjoni Ewropea għar-Russja b'tali mod li tevita l-miżuri restrittivi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 billi tagħmel waqfa f'pajjiżi bħall-Ażerbajġan, l-Armenja u t-Turkija filwaqt li sadanittant tirreġistra mill-ġdid id-dokumentazzjoni tat-titjira billi tibdel id-dettalji tal-passiġġieri tat-titjira, u billi tikkanċella l-ajruporti fil-Federazzjoni Russa mill-pjanijiet tat-titjira. Għalhekk, LLC "Leading Charter Technologies" qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014.	16.12.2024
535.	Joint Stock Company Integral – "Integral" Holding Managing Company bir-Russu: Открытое Акционерное Общество "Интеграл" magħrufa wkoll bħala ОАО "Интеграл" – управляющая компания холдинга "Интеграл" magħrufa wkoll bħala JSC "Integral"	Indirizz: Kazintsa I.P., 121A, room 327, Minsk, 220108, Belarus Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 28.1.1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 100386629 Post prinċipali tan-negozju: Belarus Telefown: +375 (17) 302-14-51 Fax: +375 (17) 338-12-94 Posta elettronika: info@npoiskra.ru Sit web: https://www.astais.ru/	JSC Integral hija manifattur Belarussu ta' semikondutturi, ċirkwiti integrati u oġġetti oħra ta' teknoloġija avvanzata. Il-prodotti tagħha jinxtraw minn entitajiet Russi li jipparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna (inkluż Roscosmos, aġenzija tal-Gvern Russu, Ulyanovsk Instrument Design Bureau u Radar MMS), u l-prodotti tagħha nstabu fil-kamp tal-battalja. Ordnijiet ta' xiri bħal dawn huma kbar u jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tal-esportazzjonijiet tal-kumpanija. Is-semikondutturi huma vitali għall-isforz tal-gwerra tar-Russja u r-Russja diġà investiet USD 350 miljun f'JSC Integral. Għalhekk, JJSC Integral qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC Integral tikkoopera ma' Ulyanovsk Instrument Design Bureau u ma' Radar MMS, u għalhekk hija assoċjata magħhom.	24.2.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
568.	Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk "Operatur tat-Telekomunikazzjoni Repubblikan" bir-Russu: Государственное Унитарное Предприятие Донецкой Народной Республыкы "Республыканский Оператор Связи" ("Оператор Мобильной Связи 'Феникс') magħrufa wkoll bħala SUE DPR 'RTO' magħrufa wkoll bħala ГУП ДНР 'РОС'	Indirizz: 283004, Artema Str. 169K, Donetsk, Ukraine Tip ta' entità: State Unitary Enterprise Data tar-reġistrazzjoni: 16.2.2023 Numru tar-reġistrazzjoni: 1229300088423 Numru ta' identifikazzjoni tat-Taxxa: 9308013351	L-Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk 'Operatur tat-Telekomunikazzjoni Repubblikan' (SUE DPR 'RTO') hija operatur tat-telekomunikazzjoni li jopera fir-reġjun okkupat illegalment tal-Ukrajna ta' Donetsk. Din twaqqfet mill-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' abbażi tal-assi tal-kumpanija tat-telekomunikazzjoni Ukrena 'Kyivstar', li ġiet esproprjata illegalment mill-awtoritajiet okkupanti. SUE DPR 'RTO' hija ġestita mill-Ministeru tal-Komunikazzjoni tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' u tipprovdi servizzi tat-telekomunikazzjoni, inkluż permezz tal-marka 'Phoenix'. Għalhekk, l-Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk 'Operatur tat-Telekomunikazzjoni Repubblikan' hija responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija assoċjata wkoll mal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'.	20.5.2025".